MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 349/2012

**Rimona Mifsud magħrufa Cristiano**

**-vs-**

**1. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**2. Kummissarju Elettorali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' April 2012 fejn ġie premess:

Illi l-esponenti kienet żżewġet lil Roberto Cristiano fid-disgħa u għoxrin ta' Ġunju elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997);

Illi l-esponenti u żewġha kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ippublikaw l-atti tan-Nutar Dr Naomi Mugliette datat tlettax (13) ta' Ottubru elfejn u ħamsa (2005) (Dok A) f'liema kuntratt hija għażlet li żżomm kunjomha miżżewġha, u ċjoe' Cristiano;

Illi Roberto Cristiano kien għamel kawża għal annullament liema kawża ġiet deċiża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) (Ċit Nru: 134/07) nhar is-sebgħa (7) ta' Marzu elfejn u tmienja (2008);

Illi peress li l-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u ż-żwieġ ġie annullat;

Illi madwar sentejn (2) ilu l-esponenti ndunat li konsegwenza tal-annullament kunjom ir-rikorrenti tbiddel, u ċjoe' reġgħet lura għal kunjom xebba.

Illi r-rikorrenti qatt ma riedet li jkollha kunjom differenti minn dak ta' wliedha, li huma Alessia Maria Cristiano li għandha (11) ħdax-il sena u Ylenia Anna Cristiano li għandha (10) għaxar snin.

Illi hija magħrufa ma' kulħadd bil-kunjom Cristiano, tant hu hekk li hafna nies jafuha bħalha Cristiano minflok jgħajtulha b'isimha.

Illi barra minn hekk il-karta tal-identita' tagħha għadha taħt kunjomha miżżewġa (Dok B);

Illi lil esponenti kulħadd jafha bħala Cristiano, kemm il-ħbieb, kuntatti relatati max-xogħol tagħha, insurances, *courses* li qedgħa tattendi fost affarijiet oħra;

Illi l-identita' tal-esponenti hija bħala Rimona Cristiano u bl-ebda mod ħadd ma jafha jew jirrikonoxxiha bħala Rimona Mifsud.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna sabiex l-atti pubbliċi kollha relatati mal-esponenti jiġu ndikati bħala Rimona Cristiano, jew fin-

nuqqas tkun awtorizzata sabiex tuża lill-esponenti sabiex dawna jiġu ndikati bħala Rimona Mifsud Cristiano.

Illi dina l-Onorabbli Qorti tordna li jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa a skans ta' kull ekwivoku li jista' jkun preġudizzjonali għall-esponenti fil-ħajja tagħha.

U dan kollu prevja kull provediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna f'dan il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fid-9 ta' Mejju 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-esponent Kummissarju Elettorali jirrileva li mhux leġittimu kontradittur.

2. Illi *in limine litis*, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, a rigward it-talbiet rimanenti, l-attriċi għandha tispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi hija qiegħda ssejjes l-azzjoni taghha ħalli b'hekk l-esponenti jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, u dan wara li r-rikorrenti jindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi hu qiegħed jesperixxi l-proċeduri istanti;

4. Illi, dejjem bla ħsara għal premess, jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi li t-talba tar-rikorrenti hija

insostenibbli, u dan *stante* li m'hemmx konnessjoni mal-kunjom Cristiano u anqas li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni jew tiswija ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi atti tal-istat ċivili skond id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi dejjem bla ebda preġudizzju għas-suriferit lanqas it-tieni talba ma tista' tintlaqa' għaliex skond l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom;

6. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2012 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Illi t-talba attriċi fir-rigward hija evidentement mhux sostenibbli peress hija qed titlob biex tirriverti lura għal kunjom tal-ex-raġel tagħha minkejja li *ż*-żwieġ tagħhom ġie annullat permezz tas-sentenza msemmija fl-istess rikors tagħha. *Una volta* *ż*-żwieġ ġie annullat, ifisser qisu qatt ma sar. Għalhekk hija qatt ma tista' terġa' tieħu kunjomu.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attrici.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------